MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 2558/1998/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Charles Bonnici**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn il-korporazzjoni attrici ppremettiet:-

Illi l-konvenut f’xi perjodu qabel it-28 ta’ Awissu 1996, waqt li kien qed jesegwixxi xoghol ta’ thaffir, f’Albert Town, il-Marsa, laqat “high tension cable” proprjeta’ tal-attur nomine, kif jidher minn dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok “A” u “B” rispettivament.

Illi d-danni sofferti mill-attur nomine bhala konsegwenza tal-hsarat kawzati fl-imsemmi cable jammontaw ghal hamest elef u sebgha liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm5,007.38).

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat sabiex ihallas l-ammont fuq indikat peremzz ta’ ittri ufficjali datati 4 ta’ Gunju, 1997 u 16 ta’ April 1998, hu baqa’ inadempjenti.

Ghalhekk il-Korporazzjoni attrici qed titlob li l-konvenut 1) jigi dikjarat li hu responsabbli ghall-hsara kkawzata fil-proprjeta’ taghha f’Albert Town, il-Marsa, f’ xi perjodu qabel it-28 ta’ Awissu 96; 2) li jigi kkundannat ihallasha s-somma ta’ Lm5,007.38, in linea ta’ danni sofferti minnha bhala konsegwenza tal-hsarat ikkawzati fl-istess proprjeta’ kif fuq premess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datati 4 ta’ Gunju, 1997 u 16 ta’ April 1998, u bl-imghax legali mid-data tal-hsara sal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ukoll ingunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Korporazzjoni attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Charles Bonnici fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok n-notifika tal-esponeneti mhijiex korretta skond il-ligi u dan ghaliex huwa mizzewweg u ma gietx notifikata l-mara tieghu;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost huwa ma kienx responsabbli ghall-hsara li allegatament saret fuq il-“high tension cable” tal-Korporazzjoni attrici;

3. Illi fit-tieni lok u dejjem minghajr pregudizzju ghal dak imsemmi hawn fuq, l-ammont mitlub mill-Korporazzjoni attrici ma huwiex dovut mill-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti skond il-ligi tal-konvenut Charles Bonnici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Semghat lix-xhieda prodotti mill-Korporazzjoni attrici.

Semghat lix-xhieda prodotti mill-konvenut.

Semghat lill-konvenut.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-Korporazzjoni attrici.
Rat in-nota tal-osservazzjonijiet responsiva tal-Konvenut.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

<u>Konsiderazzjonijiet ta’ fatt</u>

Illi permezz tal-kawża odjerna, il-Korporazzjoni Enemalta titlob lil din il-Qorti tiddikjara lil-konvenut responsabbli ghad-danni sofferti minnha konsistenti fi hsarat fil-‘cable’ ġewwa Albert Town il-Marsa.

Jirriżulta illi l-Korporazzjoni attrici indunat bil-hsara fil-‘cable’ in kwistjoni meta kienet qiegħda tivverifika l-‘cables’ mill-Marsa sa’ Hal Tarxien u dan fit-28 ta’ Awwissu 1996. Immedjatament, il-Korporazzjoni ghamlet rapport fl-Ghassa ta’ Rahal Gdid dwar dawn il-ħsarat (fol 22).

Jirriżulta ukoll illi kienu nħarġu żewġ permessi sabiex isir xogħol ta’ tħaffir fl-inhawi fejn seħħ id-dannu lill-‘cables’. Permess wieħed kien inħareġ lill-konvenut Charles Bonnici (fol.43). Il-konvenut hu kuntrattur f’xogħol ta’ drenaġġ. Permess ieħor inħareġ għal xogħol rigward ilma,

pero’ l-Korporazzjoni, fir-rigward ta’ dan ix-xoghol, issostni li danix-xogħol kien sar il-bogħod minn fejn ġrat il-ħsara lill-cable mertu tal-kawża odjerna.

Il-Korporazzjoni attrici tissottometti li vverifikat mad-Dipartiment tad-drenagg dwar min għamel ix-xogholijiet tad-drenagg fil-post in kwistjoni u rriżulta li kien il-konvenut. Da parti tiegħu, il-konvenut isostni li l-Korporazzjoni attrici ma rnexilliex tipprova l-kaz taghha.

Il-konvenut xehed illi huwa fil-fatt għamel xogħolijiet ta’ thaffir f’Albert Town. Dwar dan il-fatt xehed ukoll Alan Attard prodott mill-korporazzjoni attrici u ufficjal tal-istess korporazzjoni. Dan ix-xhud ikkonferma illi x-xogħol li għamel il-konvenut sar fejn hemm il-‘cables’ tal-Enemalta. (fol.40).

Skond il-konvenut il-Korporazzjoni attriċi ghamlet spezzjoni fuq il-post in kwestjoni f’Ottubru 1995, u imbagħad meta reġgħet saret spezzjoni f’Awwissu 1996, irriżultalha il-ħsara fil-cable in kwistjoni. Dejjem skond il-konvenut dan hu perijodu ta’ żmien twil wisq min mindu hu hadem sakemm instabet il-ħsara, u diversi persuni setgħu ikkaġunaw id-dannu li minnu qed tilmenta l-Korporazzjoni attriċi.

<u>Konsiderazzjonijiet ta’ ligi</u>

Illi sabiex ikun hemm ir-responsabilita’ tal-konvenut ghad-danni, jeħtieġ illi jiġi ippruvat in-ness ta’ kawzalita’ bejn il-fatti kolpevoli u l-konsegwenza dannuza. Ghalhekk l-ewwel ser jigi ezaminat jekk jirriżultax li d-danni sofferti mill-Korporazzjoni gewx ikkagunati mill-konvenut. Din il-prova illi l-konvenut ikkaġuna l-ħsara fil-high tension cable trid issir mill-Korporazzjoni attriċi.

Mill-fatti li jirriżultaw, il-konvenut għamel xogħol ta’ tħaffir f’Albert Town, il-Marsa u f’danir-rigward kien inħareġ

permess mill-awtoritajiet kompetenti lill-konvenut biex dan ix- xogħol seta jsir. Jirriżulta ukoll li l-Korporazzjoni attriċi spezzjonat il-cables in kwestjoni f'Ottubru 1995, u f'dan l-ezami ma rrizulta ebda dannu Sussegwentement reġgħet saret spezzjoni ohra minn naha tl-Korporazzjoni f'Awwissu 1996, u hawnhekk irrizulta d-dannu lamentat u meritu ta' din l-azzjoni.

Hu minnu li minn l-ewwel spezzjoni sakhemm saret i-tieni wahda għadda hafna zmien u ma jistax jigi eskluz li f'dan il-periodu l-hsarat setghu gew kagunati minn terzi. Inoltre jista jkun ukoll li d-dannu seta' gie kkawżat minn ħaddiema li hadmu mingħajr permess, u s-semplici fatt li l-konvenut hadem f'dawk l-istess inhawi ma jfissirx li l-istess konvenut ikkaġuna d-dannu. Minn imkien ma jirriżulta illi kien il-konvenut biss li ħadem fil-qrib taz-zona in kwestjoni fejn tinsab il-high tension cable in kwestjoni.

Inoltre jirriżulta li kien presenti ufficjal tal-Korporazzjoni attrici fil-hin li l-konvenut kien qed jesegwixxi x-xogholijiet in kwestjoni. (vide deposizzjoni ta' Godwin Abela). In effett dan ix-xhud gie prodott fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2001, u qal – “nikkonferma li jiena kont preżenti mal-kuntrattur il-ħin kollu li kien qed isiru dawn ix-xogħolijiet.” Inoltre l-istess xhud ikkonferma li huwa ma ra ebda ħsara issir, u f'kaz li hu ra xi hsara ssehh huwa ghandu l-obbligu li jirrapporta lill-Korporazzjoni. Kwindi ma jirriżultax li l-konvenut ghandu jitqies li wettaq ħsara waqt li kien qiegħed jaħdem u waqt li kien issorveljat minn ufficjal tal-istess Korporazzjoni attrici.

Sabiex il-Korporazzjoni attriċi tirnexxi fit-talba tagħha, irid jirriżulta ness bejn l-azzjoni li qed isir ilment dwarha u l-konsegwenza ta' dik l-azzjoni. In effett ma jirrizulta ebda ness ta' każwalità bejn id-danni allegati mill-Korporazzjoni attriċi u l-aġir tal-konvenut. Inoltre ma giex ippruvat kien l-aġir tal-konvenut li kkawża d-dannu lamentat. Fis-sentenza tas-27 ta' Ġunju 1995, fil-kawza fl-ismijiet “Joseph Grech vs Emanuel Ellul pro et noe” gie ritenut, relattivament ghan-ness ta' kawżalita' li sabiex ikun hemm lok għad-danni, irid jigi pprivat li hemm “ness ta' kawżalita bejn il-fatt kolpuż u l-konsegwenza dannuża.”

Kwindi una volta li ma ġiex stabbilit tali ness rikjest bejn l-aġir illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni allegatament ikkawzati mill-istess konvenut. Kwindi t-talba tal-Korporazzjoni attriċi timmerita li tigi miċħuda.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddecedi billi tiċħad it-talbiet tal-Korporazzjoni attrici.

Spejjeż kollha jithallsu mill-Korporazzjoni attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------